I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

DEĊIŻJONI Nru 1482/2007/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2007

li tistabbilixxi programm Komunitarju sabiex itejjeb il-ħidma tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern (Fiscalis 2013) u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2235/2002/KE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 888/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 1998 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja biex ittejjeb is-sistemi ta' tassazzjoni indiretta tas-suq intern (il-programm Fiscalis) ([3]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-programm 2002") u d-Deċiżjoni Nru 2235/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2002 li tadotta programm tal-Komunità biex tittejjeb l-operazzjoni tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern (il-programm Fiscalis 2003 – 2007) ([4]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-programm 2007") ikkontribwixxew b'mod sinifikanti għall-kisba ta' l-għanijiet tat-Trattat. Hu għalhekk meqjus bħala xieraq li l-attivitajiet mibdija taħt dawk il-programmi jitkomplew. Il-programm stabbilit b'din id-Deċiżjoni (minn hawn il-quddiem imsejjaħ 'il-Programm') għandu jiġi stabbilit għal perjodu ta' sitt snin sabiex it-tul tiegħu jiġi allinjat ma' dak tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jinsab fil-Ftehim Inter-istituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar id-dixxiplina tal-baġit u amministrazzjoni finanzjarja tajba ([5]).

(2) Fis-suq intern, l-applikazzjoni effettiva, uniformi u effiċjenti tal-liġi Komunitarja hija essenzjali sabiex is-sistemi tat-taxxa jiffunzjonaw, b'mod partikolari il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji nazzjonali permezz tal-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, l-evitar ta' distorzjonijiet fil-kompetizzjoni u t-tnaqqis ta' piż żejjed fuq l-amministrazzjonijiet u l-persuni li jħallsu t-taxxa. Il-kisba ta' tali applikazzjoni effettiva, uniformi u effiċjenti tal-liġi Komunitarja hija kwistjoni għall-Komunità, fi sħubija ma' l-Istati Membri. Il-kooperazzjoni effiċjenti u effettiva fost l-Istati Membri attwali u dawk possibilment futuri, u bejniethom u l-Kummissjoni hija l-element ewlieni fit-tħaddim tas-sistemi tat-tassazzjoni u fil-ġlieda kontra l-frodi. Il-Programm għandu wkoll jgħin sabiex jiġu identifikati prattiċi leġislattivi u amministrattivi li jistgħu jfixklu l-kooperazzjoni u rimedji possibbli għal ostakli lil tali kooperazzjoni.

(3) Sabiex jiġi appoġġjat il-proċess ta' adeżjoni minn pajjiżi kandidati, għandhom ikunu pprovduti mezzi prattiċi li permezz tagħhom l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' dawk il-pajjiżi jkunu jistgħu jidħlu għas-sensiela sħiħa ta' ħidmiet meħtieġa taħt il-leġislazzjoni tal-Komunità sa mid-data ta' l-adeżjoni tagħhom. Għalhekk il-Programm għandu jkun miftuħ għall-pajjiżi kandidati. Strateġija simili għandha tittieħed fir-rigward ta' pajjiżi potenzjalment kandidati.

(4) Is-sistemi kompjuterizzati trans-Ewropej ta' sistemi sikuri ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' l-informazzjoni ffinanzjati taħt il-programm 2007 għandhom sehem importanti ħafna fit-tisħiħ tas-sistemi ta' tassazzjoni fil-Komunità u għalhekk għandhom ikomplu jiġu ffinanzjati. Barra minn hekk għandu jkun possibbli li fil-Programm jiġu inklużi sistemi oħra ta' skambju ta' informazzjoni relatati mat-taxxa bħas-Sistema ta' Kontroll tal-Moviment tas-Sisa (EMCS) stabbilita bid-Deċiżjoni Nru 1152/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar il-kompjuterizzazzjoni tal-moviment u s-sorveljanza ta' prodotti suġġetti għas-sisa ([6]) u kull sistema meħtieġa għall-għanijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar tassazzjoni ta' dħul minn tifdil fil-forma ta' ħlas ta' interessi fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax ([7]).

([1]) ĠU C 93, 27.4.2007, p. 1.
([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Ġunju 2007 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2007.
([3]) ĠU L 126, 28.4.1998, p. 1.
([4]) ĠU L 341, 17.12.2002, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 885/2004 (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 1).
([5]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([6]) ĠU L 162, 1.7.2003, p. 5.
([7]) ĠU L 157, 26.6.2003, p. 38. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2006/98/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 129).

(5) L-esperjenza miksuba mill-Komunità mill-programmi ta' l-2002 u l-2007 turi li l-ġbir flimkien ta' uffiċjali minn amministrazzjonijiet nazzjonali differenti f'attivitajiet professjonali, bħal żjarat ta' ħidma, seminars, gruppi tal-proġetti u kontrolli multilaterali jikkontribwixxi għall-kisba ta' l-għanijiet ta' tali programmi. Għalhekk dawk l-attivitajiet għandhom jitkomplew. Għandu jibqa' possibbli li jiġu żviluppati tipi ġodda ta' attivitajiet li jwieġbu b'mod aktar effettiv għall-bżonnijiet li jistgħu jinqalgħu.

(6) L-esperjenza miksuba mill-programmi ta' l-2002 u l-2007 turi li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni koordinati ta' programm ta' taħriġ komuni jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-għanijiet ta' tali programmi, b'mod partikulari għall-kisba ta' standard għoli ta' għarfien tal-liġi Komunitarja. L-opportunitajiet li joffri l-ambjent ta' tagħlim elettroniku għandhom jiġu esplorati bis-sħiħ f'dan il-kuntest.

(7) Uffiċjali attivi fil-qasam tat-tassazzjoni jeħtieġu standard suffiċjenti ta' kompetenza lingwistika sabiex jikkooperaw u jipparteċipaw fil-Programm. Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-pajjiżi parteċipanti li jipprovdu t-taħriġ fil-lingwa meħtieġ għall-uffiċjali tagħhom.

(8) Hu xieraq li ssir proviżjoni għall-organizzazzjoni ta' ċerti attivitajiet bil-parteċipazzjoni ta' esperti, bħal uffiċjali, ta' pajjiżi terzi jew rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

(9) L-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-programm 2007 kkonfermat li informazzjoni li tirriżulta mill-attivitajiet tal-programm għandha tkun disponibbli għall-pajjiżi parteċipanti kollha u għall-Kummissjoni.

(10) Għalkemm ir-responsabbiltà primarja sabiex jinkisbu l-objettivi tal-Programm qiegħda fuq il-pajjiżi parteċipanti, azzjoni Komunitarja hija meħtieġa biex tikkoordina l-attivitajiet taħt il-Programm kif ukoll għall-provvediment ta' l-infrastruttura u l-istimulu neċessarju.

(11) Billi l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effett ta' l-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(12) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, għat-tul kollu tal-programm, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza ewlenija, fit-tifsira ta' punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina tal-baġit u amministrazzjoni finanzjarja tajba għall-awtorità baġitarja waqt il-proċedura baġitarja annwali.

(13) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [1],

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Programm Fiscalis 2013

1. B'dan qed jiġi stabbilit programm ta' azzjoni pluriennali Komunitarju (Fiscalis 2013) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm") għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013 biex itejjeb it-tħaddim tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern.

2. Il-Programm għandu jikkonsisti fl-attivitajiet li ġejjin:

(a) sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni;

(b) kontrolli multilaterali kif definiti fl-Artikolu 2(4);

(ċ) seminars u gruppi ta' proġetti;

(d) żjarat ta' ħidma;

(e) attivitajiet ta' taħriġ;

(f) attivitajiet oħrajn simili meħtieġa għall-kisba ta' l-għanijiet tal-Programm.

Il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet imsemmija fil-punti (b) sa (f) għandha tkun fuq bażi voluntarja.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(1) "tassazzjoni" għandha tfisser it-taxxi li ġejjin applikati fil-pajjiżi parteċipanti, kif definit fl-Artikolu 3(1):

(a) taxxa fuq il-valur miżjud;

(b) taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u l-prodotti tat-tabakk, kif ukoll taxxi fuq prodotti ta' l-enerġija u ta' l-elettriku, kif previst fid-Direttivi 92/83/KEE ([1]), 95/59/KE ([2]) u 2003/96/KE ([3]) rispettivament;

(ċ) taxxi fuq id-dħul u fuq il-kapital kif deskritt fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE ([4]);

(d) taxxi fuq premiums ta' l-assigurazzjoni kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 76/308/KEE ([5]);

(2) "amministrazzjoni" għandha tfisser l-awtoritajiet pubbliċi u korpi oħra fil-pajjiżi parteċipanti li huma responsabbli għall-amministrazzjoni tat-tassazzjoni jew attivitajiet relatati mat-taxxa;

(3) "uffiċjal" għandha tfisser uffiċjal ta' amministrazzjoni;

(4) "kontroll multilaterali" għandha tfisser il-kontroll koordinat tar-responsabbiltà rigward it-taxxa ta' persuna waħda jew aktar li jkunu relatati u taxxabbli, organizzat minn żewġ pajjiżi parteċipanti jew aktar b'interessi komuni jew komplimentari li jinkludu ta' l-anqas Stat Membru wieħed.

Artikolu 3

Parteċipazzjoni fil-Programm

1. Il-pajjiżi parteċipanti huma l-Istati Membri u l-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 2.

2. Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni, bi qbil mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Komunità stabbiliti fil-Ftehim Qafas u fid-Deċiżjonijiet ta' Assoċjazzjoni tal-Kunsill relevanti; u

(b) pajjiżi kandidati potenzjali, skond id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu ddeterminati ma' dawk il-pajjiżi wara l-istabbiliment ta' ftehim qafas għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Komunità;

3. Pajjiżi parteċipanti għandhom jkunu rrappreżentati minn uffiċjali.

Artikolu 4

Għanijiet

1. L-għan ġenerali tal-Programm għandu jkun li jittejjeb it-tħaddim kif suppost tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern billi titkabbar il-koperazzjoni bejn il-pajjiżi parteċipanti, l-amministrazzjonijiet tagħhom u l-uffiċjali.

2. L-għanijiet speċifiċi tal-programm għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) fir-rigward tat-taxxa fuq il-valur miżjud u d-dazji tas-sisa:

(i) li jitħarsu l-iskambju effiċjenti, effettiv u estensiv ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni amministrattiva;

(ii) li jkun possibbli għall-uffiċjali li jiksbu standard għoli ta' għarfien tal-liġi Komunitarja u l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri; u

(iii) li jkun żgurat it-titjib kontinwu tal-proċeduri amministrattivi li jqisu l-bżonnijiet ta' l-amministrazzjonijiet u tal-persuni taxxabbli permezz ta' l-iżvilupp u t-tixrid ta' prattika amministrattiva tajba;

(b) fir-rigward tat-taxxi fuq id-dħul u fuq il-kapital:

(i) li jitħarsu l-iskambju effiċjenti u effettiv ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni amministrattiva; inkluż il-kondiviżjoni ta' prattiċi amministrattivi tajbin; u

(ii) li jkun possibbli għall-uffiċjali li jiksbu standard għoli ta' għarfien tal-liġi Komunitarja u l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri;

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU L 316, 31.10.1992, p. 21). Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 95/59/KE tas-27 ta' Novembru 1995 dwar taxxi għajr taxxi fuq il-qligħ li jaffettwaw il-konsum ta' tabakk manifatturat (ĠU L 291, 6.12.1995, p. 40). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/10/KE (ĠU L 46, 16.2.2002, p. 26).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/75/KE (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 100).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE tad-19 ta' Diċembru 1977 dwar għajnuna reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta u t-tassazzjoni ta' premiums ta' l-assigurazzjoni (ĠU L 336, 27.12.1977, p. 15). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/98/KE.

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/308/KEE tal-15 ta' Marzu 1976 dwar l-assistenza bejn xulxin għall-irkupru ta' pretensjonijiet relatati ma' ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra (ĠU L 73, 19.3.1976, p. 18). Direttiva kif emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(ċ) fir-rigward ta' taxxi fuq premiums ta' l-assigurazzjoni, li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn amministrazzjonijiet, sabiex tkun żgurata applikazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti; u

(d) fir-rigward ta' pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali, li jintlaħqu l-bżonnijiet speċjali ta' dawk il-pajjiżi sabiex dawn jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-adeżjoni fil-qasam tal-leġislazzjoni tat-taxxa u l-kapaċità amministrattiva.

Artikolu 5

Programm ta' Ħidma u indikaturi

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm ta' ħidma annwali skond il-proċedura ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 17(2). Il-programm ta' ħidma għandu jkun ibbażat fuq skeda ta' attivitajiet ippjanati għas-sena baġitarja kkonċernata u t-tqassim mistenni tal-fondi. Il-programm ta' ħidma għandu jkun ippubblikat fuq il-website tal-Kummissjoni.

Il-programm ta' ħidma għandu jinkludi indikaturi għall-għanijiet speċifiċi tal-Programm stabbiliti fl-Artikolu 4(2), li għandhom jintużaw għall-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u dawk finali tal-Programm bi qbil ma' l-Artikolu 19.

KAPITOLU II

ATTIVITAJIET TAL-PROGRAMM

Artikolu 6

Sistemi ta' komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni imsemmija fil-paragrafu 2 huma operazzjonali.

2. Is-sistemi ta' komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) In-Netwerk ta' Komunikazzjoni Komuni/l-Interface tas-Sistemi Komuni (CCN/CSI);

(b) Is-Sistema ta' l-Iskambju ta' l-Informazzjoni fuq il-VAT (VIES);

(ċ) Sistemi ta' Dazju;

(d) Sistema ta' Kontroll tal-Moviment tas-Sisa (EMCS); u

(e) kull sistema ġdida relatata mat-taxxa ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni, stabbilita skond il-leġislazzjoni Komunitarja u prevista fil-programm ta' ħidma li għalih issir referenza fl-Artikolu 5.

3. Il-komponenti Komunitarji tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni għandhom ikunu l-konnessjonijiet ta' hardware, u tan-netwerk, li għandhom ikunu komuni għall-Istati Membri kollha.

Il-Kummissjoni għandha, f'isem il-Komunità, tikkonkludi l-kuntratti meħtieġa biex tkun żgurata n-natura operazzjonali ta' dawk il-komponenti.

4. Il-komponenti mhux Komunitarji tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni għandhom jinkorporaw id-databases nazzjonali li jiffurmaw parti minn dawn is-sistemi, il-konnessjonijiet tan-netwerk bejn il-komponenti Komunitarji u dawk mhux Komunitarji u dak is-software u l-hardware li kull Stat Membru iqis xieraq għat-tħaddim sħiħ ta' dawk is-sistemi fl-amministrazzjoni tiegħu.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-komponenti mhux Komunitarji jibqgħu operazzjonali u li huma interoperabbli mal-komponenti Komunitarji.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina, f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, dawk l-aspetti ta' l-istabbiliment u t-tħaddim tal-komponenti Komunitarji u mhux Komunitarji tas-sistemi u ta' l-infrastruttura msemmija fil-paragrafu 2 li huma meħtieġa sabiex ikunu żgurati t-tħaddim, l-interkonnettività u t-titjib kontinwu tagħhom. L-Istati Membri għandhom iżommu ma' l-iskedi u t-termini stabbiliti għal dak il-għan.

Artikolu 7

Kontrolli Multilaterali

Minn fost il-kontrolli multilaterali li huma jorganizzaw, il-pajjiżi parteċipanti għandhom jagħżlu dawk li l-ispejjeż tagħhom jitħallsu mill-Komunità bi qbil ma' l-Artikolu 14. Wara kull kontroll ta' dan it-tip għandu jiġi pprezentat rapport ta' evalwazzjoni lill-Kummissjoni.

Artikolu 8

Seminars u gruppi tal-proġetti

Il-Kummissjoni u l-pajjiżi parteċipanti għandhom jorganizzaw seminars u gruppi tal-proġetti flimkien.

Artikolu 9

Żjarat ta' Ħidma

1. Il-pajjiżi parteċipanti jistgħu jorganizzaw żjarat ta' ħidma għall-uffiċjali. Iż-żjarat ta' ħidma m'għandhomx ikunu ta' aktar minn xahar. Kull żjara ta' ħidma għandha timmira lejn attività professjonali partikulari u għandha titħejja b'mod suffiċjenti, tiġi mmonitorjata u sussegwentement tiġi evalwata mill-uffiċjali u mill-amministrazzjonijiet ikkonċernati.

2. Il-pajjiżi parteċipanti għandhom jippermettu li l-uffiċjali taż-żjara jkollhom sehem effettiv fl-attivitajiet ta' l-amministrazzjoni ospitanti. Għal dan il-għan, l-uffiċjali taż-żjara għandhom ikunu awtorizzati li jwettqu l-ħidmiet relatati mad-dmirijiet fdati lilhom mill-amministrazzjoni ospitanti skond is-sistema legali tagħha.

3. Matul iż-żjara ta' ħidma, ir-responsabbiltà ċivili ta' l-uffiċjal taż-żjara fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu għandha tiġi ttrattata bl-istess mod bħal dik ta' l-uffiċjali ta' l-amministrazzjoni ospitanti. L-uffiċjali taż-żjara huma marbutin bl-istess regoli ta' segretezza professjonali u trasparenza bħall-uffiċjali ta' l-amministrazzjoni ospitanti.

Artikolu 10

Attivitajiet ta' taħriġ

1. Il-pajjiżi parteċipanti, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni strutturata bejn il-korpi nazzjonali ta' taħriġ u l-uffiċjali responsabbli għat-taħriġ fl-amministrazzjonijiet tat-tassazzjoni, u b'mod partikulari permezz tal-mezzi li ġejjin:

(a) l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ eżistenti u, fejn meħtieġ, programmi ġodda biex jipprovdu gafas komuni ta' taħriġ għall-uffiċjali biex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet u l-għarfien professjonali komuni meħtieġ;

(b) fejn xieraq, il-ftuħ ta' korsijiet ta' taħriġ fil-qasam tat-tassazzjoni lill-uffiċjali mill-pajjiżi parteċipanti kollha, fejn dawn il-korsijiet huma pprovduti minn pajjiż parteċipanti għall-uffiċjali tiegħu stess;

(ċ) fejn xieraq, l-iżvilupp ta' l-għodda meħtieġa għal taħriġ komuni ta' taxxa.

2. Il-pajjiżi parteċipanti għandhom, fejn jixraq, jintegraw il-programmi ta' taħriġ żviluppati konġuntement imsemmija fil-paragrafu 1(a) fil-programmi nazzjonali tagħhom ta' taħriġ.

Il-pajjiżi parteċipanti għandhom jiżguraw li l-uffiċjali tagħhom jirċievu t-taħriġ tal-bidu u dak kontinwu meħtieġ biex jiksbu l-ħiliet u l-għarfien professjonali komuni skond il-programmi ta' taħriġ komuni, u t-taħriġ lingwistiku meħtieġ sabiex l-uffiċjali jiksbu livell suffiċjenti ta' kompetenza lingwistika għall-parteċipazzjoni fil-Programm.

Artikolu 11

Parteċipazzjoni f'attivitajiet taħt il-Programm

Esperti, bħal rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, u uffiċjali ta' pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw f'attivitajiet organizzati fi ħdan il-Programm kull meta dan hu essenzjali sabiex jiksbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.

Artikolu 12

Skambju ta' informazzjoni

Informazzjoni li toħroġ mill-attivitajiet tal-programm imsemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tkun skambjata bejn il-pajjiżi parteċipanti u l-Kummissjoni dejjem jekk hija tikkontribwixxi għall-kisba ta' l-għanijiet tal-Programm.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 13

Qafas Finanzjarju

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013 b'dan għandu jkun ta' EUR 156 900 000.

2. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali, bi qbil mal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba.

Artikolu 14

Infiq

1. L-infiq meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Programm għandu jkun għall-kont tal-Komunità u l-pajjiżi parteċipanti, skond il-paragrafi 2 sa 6.

2. L-ispejjeż li ġejjin għandhom ikunu għall-kont tal-Komunità:

(a) l-ispiża ta' l-akkwist, l-iżvilupp, l-istallazzjoni, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' kuljum tal-komponenti Komunitarji tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni deskritti fl-Artikolu 6(3);

(b) l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u ta' l-għajxien imġarrba mill-uffiċjali tal-pajjiżi parteċipanti relatati mal-kontrolli multilaterali, iż-żjarat ta' ħidma, is-seminars u l-gruppi tal-proġetti;

(ċ) l-ispejjeż ta' l-organizzazzjoni ta' seminars;

(d) l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u ta' l-għajxien imġarrba minn esperti li jkunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 11;

(e) l-ispejjeż ta' l-akkwist, l-iżvilupp, l-istallazzjoni, il-manutenzjoni tas-sistemi ta' taħriġ u l-moduli tat-taħriġ safejn dawn ikunu komuni għall-pajjiżi parteċipanti kollha; u

(f) l-ispejjeż ta' attivitàjiet oħra imsemmija fl-Artikolu 1(2)(f), sa massimu ta' 5 % ta' l-ispiża globali għall-programm kollu.

3. Il-pajjiżi parteċipanti għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni sabiex jiżguraw li l-approprjazzjonijiet jiġu użati skond il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja soda.

Il-Kummissjoni għandha tiddetermina r-regoli relatati mal-ħlas ta' l-ispejjeż u għandha tikkomunikahom lill-pajjiżi parteċipanti bi qbil mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Kommunitajiet Ewropej [1] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju").

4. Il-Kummissjoni għandha, bi qbil mal-proċedura ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 17(2), tadotta kwalunkwe miżura neċessarja għall-ġestjoni tal-baġit tal-Programm.

5. L-allokazzjoni finanzjarja għal dan il-Programm tista' tkopri wkoll spejjeż relatati ma' attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, li huma meħtieġa direttament għall-ġestjoni tal-Programm u l-kisba ta' l-għanijiet tiegħu, u b'mod partikulari studji, laqgħat, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' pubblikazzjoni, spejjeż relatati ma' netwerks ta' l-IT iffukati fuq skambju ta' informazzjoni, flimkien ma' spejjeż għal għajnuna teknika u amministrattiva oħra li l-Kummissjoni tista' ġġarrab għall-ġestjoni tal-Programm.

Is-sehem ta' l-infiq amministrattiv m'għandux, in ġenerali, ikun iktar minn 5 % ta' l-ispiża globali tal-Programm, inkluż l-infiq amministrattiv allokat lill-Kummissjoni.

6. L-ispejjeż li ġejjin għandhom ikunu għall-kont tal-pajjiżi parteċipanti:

(a) l-ispejjeż ta' l-akkwist, l-iżvilupp, l-istallazzjoni, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' kuljum tal-komponenti tas-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni li mhumiex Komunitarji msemmija fl-Artikolu 6(4); u

(b) l-ispejjeż relatati mat-taħriġ tal-bidu u dak kontinwu, li jinkludi taħriġ lingwistiku, ta' l-uffiċjali tagħhom.

Artikolu 15

L-applikabbiltà tar-Regolament Finanzjarju

Ir-Regolament Finanzjarju għandu japplika għal kull għotja skond it-tifsira ta' l-Artikoli 108 sa 130 li tingħata taħt din id-Deċiżjoni. B'mod partikolari ftehim bil-miktub u bil-quddiem, fis-sens ta' l-Artikolu 108 tar-Regolament Finanzjarju u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni dettaljati tiegħu, għandu jkun konkluż mal-benefiċjarji, li għandhom jiddikjaraw l-qbil tagħhom għall-awditjar mill-Qorti ta' l-Awdituri ta' l-użu li għamlu mill-iffinanzjar li ngħata lilhom. Tali awditjar jista' jsir mingħajr avviż bil-quddiem.

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

Artikolu 16

Kontroll finanzjarju

Id-deċiżjonijiet fuq il-finanzjament u kull ftehim jew kuntratt li jirriżulta minn din id-Deċiżjoni għandhom ikunu suġġetti għall-kontroll finanzjarju u jekk meħtieġ, għall-awditjar fuq il-post mill-Kummissjoni, b'mod partikulari mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u mill-Qorti ta' l-Awdituri.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA

Artikolu 17

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-"Kumitat Fiscalis".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

Artikolu 18

Segwitu

Il-programm għandu jkun suġġett għal sorveljanza kontinwa konġunta mill-pajjiżi parteċipanti u mill-Kummissjoni.

Artikolu 19

Evalwazzjonijiet ta' nofs il-perjodu u finali

1. Evalwazzjonijiet ta' nofs il-perjodu u finali tal-Programm għandhom jitwettqu taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni bl-użu tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 2 u ta' kwalunkwe informazzjoni relevanti oħra. Il-Programm għandu jkun evalwat f'termini ta' l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.

L-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu għandha tirrevedi r-riżultati miksuba f'nofs il-perjodu tal-Programm f'termini ta' l-effikaċja u l-effiċjenza, kif ukoll l-issuktar tar-rilevanza ta' l-għanijiet tal-Programm u l-impatt ta' l-attivitajiet tiegħu. Għandha tevalwa wkoll l-użu ta' l-iffinanzjar u l-progress tas-segwitu u ta' l-implimentazzjoni.

L-evalwazzjoni finali għandha tiffoka fuq l-effikaċja u l-effiċjenza ta' l-attivitajiet tal-Programm. L-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali għandhom jiġu ppubblikati fuq il-website tal-Kummissjoni.

2. Il-pajjiżi parteċipanti għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni r-rapporti ta' evalwazzjoni li ġejjin:

(a) sa l-31 ta' Marzu 2011, rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu dwar ir-rilevanza, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-Programm; u

(b) sa l-31 ta' Marzu 2014, rapport ta' evalwazzjoni finali li jiffoka fuq l-effikaċja u l-effiċjenza tal-Programm,.

3. Fuq il-bażi tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 2 u kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti, il-Kummissjoni għandha tissottometti r-rapporti li ġejjin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

(a) sa l-31 ta' Lulju 2011, rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u komunikazzjoni fuq kemm ikun tajjeb li l-Programm jitkompla, akkumpanjata, fejn xieraq, bi proposta; u

(b) sa l-31 ta' Lulju 2014, ir-rapport ta' evalwazzjoni finali.

Dawn ir-rapporti għandhom jintbagħtu wkoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni għall-informazzjoni tagħhom.

Artikolu 20

Revoka

Id-Deċiżjoni Nru. 2235/2002/KE għandha tkun irrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 2008.

Madankollu, obbligazzjonijiet finanzjarji relatati ma' azzjonijiet segwiti taħt dik id-Deċiżjoni għandhom ikomplu jsiru skond dik id-Deċiżjoni sakemm jitlestew.

Artikolu 21

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 22

Id-Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 11 ta' Diċembru 2007.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
H.-G. PÖTTERING	M. LOBO ANTUNES